MALTA

# QORTI TAL-APPELL
## (Sede Inferjuri)

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-3 ta' Mejju, 2023

Appell Inferjuri Numru 114/2022 LM

**Kimberly Agius (K.I. 135197M)**
*('l-appellanta')*

***vs.***

**Flower Sales Limited (C 8914)**
*('is-soċjetà appellata')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrenti **Kimberly Agius (ġia Dimech) (K.I. 135197M)**, [minn issa 'l quddiem 'l-appellanta'], mid-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal Industrijali [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'], fid-9 ta' Settembru, 2022, fejn iddeċieda li t-tkeċċija mill-impjieg tar-rikorrenti minn mas-soċjetà intimata **Flower Sales Limited (C 8914)**, hawnhekk 'l-appellata', kienet ġusta u għal raġuni tajba u suffiċjenti skont il-liġi.

**Fatti**

2. Permezz tar-rikors ippreżentat minnha quddiem it-Tribunal, ir-rikorrenti spjegat li hija ġiet impjegata mas-soċjetà intimata fit-2 ta' Frar, 2019 bħala *shop assistant,* liema impjieg kien fuq bażi *full-time* u għal żmien indefinit, kif jirriżulta mid-dokumentazzjoni ppreżentata mill-Aġenzija JobsPlus. Ir-rikorrenti qalet li hija dejjem għamlet xogħolha kif suppost u bid-diliġenza neċessarja, u hija kienet taħdem ħafna sahra, u dejjem aċċettat li taħdem is-sigħat żejda meta dan kien jintalab minnha. Kompliet tgħid li f'Ottubru tal-2020, hija infurmat lill-*Human Resources Manager* tas-soċjetà intimata li kienet tqila, u li wara l-perijodu tal-*maternity leave* hija kien beħsiebha tirritorna lura x-xogħol fuq bażi *full-time.* Ir-rikorrenti qalet li ftit wara li hija infurmat lis-soċjetà intimata bil-qagħda tagħha, is-sigħat ta' xogħol tagħha tnaqqsu drastikament, b'tali mod li hija spiċċat taħdem biss madwar tlieta u tmenin siegħa fix-xahar, filwaqt li qabel kienet taħdem aktar minn erbgħin siegħa fil-ġimgħa. Qalet ukoll li wara li oġġezzjonat bil-miktub għal dan it-tnaqqis fis-sigħat ta' xogħol, is-soċjetà intimata kienet infurmatha li filwaqt li hija kienet ser tinżamm impjegata fuq bażi *full-time,* is-sigħat ta' xogħol tagħha kienu ser jitnaqqsulha. Ir-rikorrenti qalet li hija kienet kostretta toħroġ fuq *forced leave* u minħabba f'hekk kien hemm anki tnaqqis fis-salarju tagħha. Qalet li fis-16 ta' Frar, 2021, hija attendiet laqgħa fl-uffiċċju tad-direttriċi tas-soċjetà intimata Lisa Xerri, fuq talba tal-istess direttriċi, fejn hija ntalbet ma tirritornax lura x-xogħol sakemm ma tiġix infurmata mod ieħor, iżda kienet ġiet avżata li kienet ser tibqa' titħallas is-salarju tagħha *full-time.* Ir-rikorrenti qalet li f'din is-sitwazzjoni, hija ħassitha kkonfonduta ferm, speċjalment meta l-pożizzjoni tagħha kienet ċara, jiġifieri li hija baqgħet disposta li taħdem l-istess ammont ta' sigħat bħal qabel, u kienet

lesta li tirritorna lura x-xogħol wara l-perijodu tal-*maternity leave.* Qalet li wara din il-laqgħa, hija rċeviet *email* mingħand Lisa Xerri sabiex terġa' tiltaqa' magħha, u wara din il-laqgħa ir-rikorrenti rċeviet *email* fejn ġiet infurmata li f'każ li hija tagħti r-riżenja tagħha minn jeddha, kienet ser titħallas b'mod sħiħ sal-aħħar ta' Marzu 2021, inkluż għal-*leave* li ma tteħidx u *bonuses* statutorji. Ir-rikorrenti qalet li hija kienet wieġbet lil Xerri li ma kinitx lesta li tagħti r-riżenja tagħha u li kienet għadha disposta li tibqa' taħdem.

3. Ir-rikorrenti qalet li fil-5 ta' Marzu, 2021, is-soċjetà intimata keċċietha mix-xogħol mingħajr ebda raġuni, u sussegwentement, fl-ittra mibgħuta lilha minn Jobsplus, hija saret taf li s-soċjetà intimata kienet iddikjarat li hija tkeċċiet mix-xogħol għal raġunijiet dixxiplinarji. Ir-rikorrenti qalet li hija ħassitha aggravata b'din it-tkeċċija, speċjalment meta wieħed iqis li hija kienet dejjem ħabrieka f'xogħolha u qatt ma kien hemm ilmenti mis-soċjetà intimata dwar ix-xogħol tagħha, u kien għalhekk li hija ppreżentat proċeduri quddiem it-Tribunal. Ir-rikorrenti għamlet riferiment għall-artikolu 36(14) tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta, li jgħid li prinċipal jista' jittermina impjieg għal żmien bla limitu jekk ikun hemm raġuni tajba u biżżejjed sabiex dak l-impjegat jintbagħat mis-servizz, u għamlet ukoll riferiment għal-Leġislazzjoni Sussidjarja 452.91 (Ir-Regolamenti dwar il-Ħarsien tal-Maternità (Impjieg)) li tgħid li l-impjieg ta' impjegati tqal għandu jkun assigurat u l-pagi tagħhom m'għandhomx ikunu inqas minn dawk stipulati fil-kuntratt tax-xogħol tagħhom meta prinċipal jieħu miżuri biex iħares is-saħħa u s-sigurtà tal-impjegata, wara li valutazzjoni tar-riskju tkun kixfet riskju għas-saħħa u s-sigurtà jew effett fuq it-tqala tal-impjegata. Ir-rikorrenti qalet li minkejja li s-soċjetà intimata qalet li kien hemm raġunijiet dixxiplinarji għat-tkeċċija tagħha, tul iż-żmien li fih hija kienet impjegata qatt ma ngħatat

twissija, u qalet li r-raġuni li persuna tkun tqila m'għandhiex titqies bħala raġuni tajba sabiex persuna titkeċċa mill-impjieg. Fit-talbiet tagħha, ir-rikorrenti talbet li jiġi dikjarat li t-tkeċċija tagħha minn fuq il-post tax-xogħol kienet waħda inġusta, u talbet lit-Tribunal jagħti rimedju opportun, inkluż il-likwidazzjoni tal-kumpens pagabbli lilha minħabba f'din it-tkeċċija allegatament inġusta, u talbet lit-Tribunal jikkundanna lis-soċjetà intimata tħallas dan il-kumpens kif likwidat.

4. Is-soċjetà intimata fir-risposta tagħha qalet li kienet ir-rikorrenti li uriet l-intenzjoni li titlaq mix-xogħol. Spjegat li filwaqt li r-rikorrenti kienet infurmatha bit-tqala tagħha f'Ottubru, 2020, hija kienet infurmat lis-soċjetà intimata li kien beħsiebha tibqa' fl-impjieg fuq bażi *full-time* fit-18 ta' Frar, 2021, jiġifieri ħames xhur wara. Qalet ukoll li hija dejjem onorat l-obbligi tagħha fil-konfront tar-rikorrenti, u hija dejjem tħallset il-pagi u s-sahra dovuti lilha, irrispettivament minn jekk ħadmitx erbgħin siegħa fil-ġimgħa jew le. Qalet li hija qatt ma ġiet ikkuntattjata mid-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjieg, la b'mod formali u lanqas b'mod informali, u dejjem onorat l-obbligi tagħha mar-rikorrenti. Qalet ukoll li kien hemm drabi fejn ir-rikorrenti m'għamlitx xogħolha tajjeb, u kienet anki nġibdet l-attenzjoni tagħha dwar dan.

5. **Roxanne Gauci Taliana**, fl-*affidavit* tagħha qalet li hija kienet impjegata mas-soċjetà intimata bejn Diċembru 2015 sa Frar tal-2021, u r-rwoli tagħha mal-kumpannija kienu ta' *section leader* u *floor manager,* u għalhekk f'dawn ir-rwoli kienet tieħu ħsieb tara li l-impjegati tal-kumpannija qegħdin jaqdu lin-nies b'mod tajjeb. Qalet li hija ltaqgħet mar-rikorrenti fuq il-post tax-xogħol, u kienet hi li ħarrġitha fil-*customer care.* Qalet li r-rikorrenti kellha problema għaliex ma kinitx tikkomunika tajjeb mal-klijenti, u kienet tiddejjaq twieġeb it-telefonati u

l-*emails.* Qalet li meta l-kumpannija rat li r-rikorrenti ma kinitx sejra tajjeb fil-*customer care,* din intalbet taħdem bħala kaxxiera, imma anki f'din it-taqsima kien meħtieġ li r-rikorrenti tuża *customer care skills* tajbin. Ix-xhud qalet li maż-żmien l-attitudni tar-rikorrenti mal-klijenti baqgħet taggrava, u kien hemm drabi meta hija qabditha tevita lill-klijenti. Ix-xhud qalet li r-rikorrenti kienet tilmenta ħafna fuq ix-xogħol b'mod ġenerali, u kienet tikser ir-regoli tal-kumpannija. Ix-xhud qalet li hija temmet l-impjieg tagħha mas-soċjetà intimata għaliex kien ser ikollha tarbija, u waqt it-tqala tagħha hija ngħatat l-appoġġ kollu li kienet teħtieġ mill-prinċipal tagħha.

6. **Rosemarie Camilleri**, fl-*affidavit* tagħha qalet li ilha taħdem mas-soċjetà intimata mill-2015, u kellha relazzjoni ta' xogħol mar-rikorrenti. Qalet li x-xogħol tagħha kien li tassigura li l-klijenti jinqdew tajjeb, u kien hemm drabi fejn hija ġibdet l-attenzjoni tal-*management* għaliex ir-rikorrenti naqset milli tirrikonoxxi l-preżenza tal-klijent. Ix-xhud qalet li hija kienet tqila bejn l-2017 u l-2018, u wara l-perijodu ta' *maternity leave* hija rritornat lura fl-impjieg tas-soċjetà intimata.

7. Ġiet esebita dikjarazzjoni ġuramentata ta' **Fiona Margaret Gillie**, li tat dettalji dwar il-*Performance Report* tar-rikorrenti, fejn ġie spjegat li minkejja li kien hemm xogħol li r-rikorrenti kienet kapaċi ħafna fih u kienet tagħmlu, kien hemm drabi oħra meta l-prestazzjoni tagħha fuq il-post tax-xogħol kienet tkun affettwata mill-burdata tagħha, jew minn xi episodju personali li tinzerta għaddejja minnu. Ix-xhud qalet li minkejja li r-rikorrenti ngħatat ħafna sessjonijiet ta' taħriġ, l-attitudni tagħha fuq il-post tax-xogħol ma kinitx dik

mixtieqa, u kien hemm drabi fejn il-klijenti tħallew jistennew jew ma ngħatawx l-assistenza li xtaqu.

8. **Rachel Bongailas** fid-depożizzjoni tagħha quddiem it-Tribunal, spjegat li hija tifforma parti mill-*management* tal-kumpannija. Ix-xhud qalet li r-relazzjoni tagħha mar-rikorrenti kienet tajba mhux ħażin, iżda hija ma kinitx tkun taf fejn qegħda magħha. Ix-xhud qalet li lir-rikorrenti fdatilha diversi rwoli fil-ħanut, iżda għal xi raġuni ma setgħetx tasal magħha. Ix-xhud qalet li kien hemm drabi meta hija rċeviet ilmenti li r-rikorrenti ma kinitx qegħda tkun ta' għajnuna fil-ħanut, u li kienet tevita li taqdi lill-klijenti. Ix-xhud qalet li darba minnhom kienet kellmitha r-rikorrenti u staqsietha jekk kienx hemm il-possibilità li hija tieqaf mill-impjieg għal xi żmien sabiex tkun tista' toqgħod mat-tarbija tagħha, u hija kienet irreferietha għand id-DIER. Ix-xhud spjegat ukoll li kienet inqalgħet problema fir-rigward tar-rikorrenti għaliex din kienet bdiet taħdem mas-soċjetà intimata bħala *part-timer* u wara bdiet taħdem *full-time,* u meta kien hemm dan it-tibdil fis-sigħat ta' xogħol, għal xi raġuni t-taxxa tagħha ma kinitx qiegħda tinqata'. Ix-xhud qalet ukoll li meta r-rikorrenti kienet ilmentat għaliex is-salarju ma kienx qiegħed iserviha, din ingħatat l-opportunità li taħdem aktar sahra, iżda wara numru ta' xhur ir-rikorrenti kienet infurmatha li ma xtaqitx tibqa' taħdem daqshekk Ħdud.

9. Fix-xhieda tagħha **Lisa Xerri** spjegat li l-ġenituri tagħha huma s-sidien tal-kumpannija li kienet timpjega lir-rikorrenti, u qalet li dawn iħallu ħafna xogħol f'idejha. Ix-xhud qalet li r-rikorrenti bdiet taħdem magħhom fi Frar tal-2019, u fil-bidu hija kellha attitudni tajba fuq il-post tax-xogħol, iżda imbagħad bdiet bil-problemi mal-impjegati l-oħra u mal-klijenti. Qalet li f'din il-linja ta' negozju, l-

attitudni mal-klijenti hija importanti ferm. Qalet li l-problemi mar-rikorrenti bdew meta bdiet tingħata taħriġ fil-*customer care.* Ix-xhud qalet li r-rikorrenti kienet tagħmel xogħol ieħor, u kien hemm drabi meta kienet tmur għajjiena fuq il-post tax-xogħol. Ix-xhud qalet li hija qatt ma oġġezzjonat li l-ħaddiema tal-kumpannija jkollhom xogħol ieħor, imma kienet tistenna li x-xogħol mas-soċjetà intimata jingħata prijorità. Ix-xhud qalet li t-tim ta' nies li jaħdmu mas- soċjetà intimata huwa wieħed żgħir u magħqud, u għalhekk meta jkun hemm xi ħadd li mhux jagħti sehmu, dak in-nuqqas jinħass. Qalet li kien hemm ilmenti kemm mill-klijenti, kif ukoll mill-impjegati l-oħra li kienu qegħdin iħossu li meta tkun xogħol ir-rikorrenti, il-klijenti ma kinux qegħdin jingħataw l-assistenza mixtieqa. Ix-xhud qalet li minkejja dawn l-ilmenti, kien diffiċli ferm għaliha li tagħti twissija bil-miktub lil membru ta' tim daqstant żgħir ta' impjegati. Ix-xhud qalet ukoll li r-rikorrenti lilha qatt ma infurmatha li kienet tqila, u hija saret taf b'dan mingħand l-impjegati l-oħra tal-kumpannija. Ix-xhud qalet li r-rikorrenti ma tkeċċietx mill-impjieg għaliex kienet tqila, u żiedet tgħid li r-rikorrenti kienet ilha turi problemi ta' attitudni, minn qabel ħarġet tqila. Għad-domandi li sarulha in kontro-eżami, ix-xhud qalet li minkejja li qatt ma tatha twissija bil-miktub, kien hemm drabi meta wissiet lir-rikorrenti b'mod verbali dwar l-imġiba tagħha fuq il-post tax-xogħol. Ix-xhud qalet li hija kienet kellmet lir-rikorrenti qabel itterminatilha l-impjieg, u kienet ġibditilha l-attenzjoni dwar l-affarijiet kif waslu sal-punt li hija kellha titkeċċa mill-impjieg, u dan partikolarment wara inċident fil-ħanut fejn ir-rikorrenti bdiet tgħajjat meta ntalbet iċċaqlaq il-karozza tagħha għall-*parking* maħsub għall-impjegati. Qalet li hija kienet disposta li tagħti opportunità oħra lir-rikorrenti li kieku din wegħditha li kienet lesta li tibdel l-

attitudni tagħha, iżda r-rikorrenti baqgħet tiċħad li kellha problema bl-attitudni tagħha.

10. Ir-rikorrenti **Kimberley Agius** fix-xhieda tagħha qalet li hija bdiet taħdem mas-soċjetà intimata fi Frar tal-2019, u dak iż-żmien kienet tieħu ħsieb il-*cash* u l-*pet shop.* Qalet li kien hemm drabi meta kienet tieħu ħsieb il-ħanut ukoll. Ir-rikorrenti qalet li hija qatt ma kellha problemi fuq il-post tax-xogħol, lanqas mas-*supervisors* tagħha, u hija qatt ma ngħatat twissijiet lanqas b'mod verbali. Ir-rikorrenti kkonfermat li kien hemm żmien fejn hija kienet uriet ix-xewqa li żżid is-sigħat ta' xogħol. Qalet li hija ma kienet tagħmel l-ebda xogħol ieħor waqt li kienet impjegata mas-soċjetà intimata, u rreferiet għal xogħol fuq id-dwiefer u x-xogħol tal-arti li kienet tirreklama fuq *Facebook* bħala "*hobbies".* Ir-rikorrenti qalet li hija infurmat lill-esponenti tal-kumpannija li kienet tqila meta kellha madwar xahrejn tqala. Ir-rikorrenti kkonfermat li hija kienet għadha ma taħdimx għaliex xtaqet tieħu ħsieb it-tarbija tagħha. Għad-domandi li sarulha in kontro-eżami, ir-rikorrenti qalet li fil-preżent hija qegħda tqatta' l-ħin tagħha tieħu ħsieb it-tarbija tagħha u fl-istess ħin tipprova ssib impjieg. Qalet li ilha tfittex xogħol minn meta saret taf li l-impjieg tagħha mas-soċjetà intimata kien ser jiġi tterminat. Hija kkonfermat li wara li infurmat lill-esponenti tas-soċjetà intimata li ħarġet tqila, is-sigħat ta' xogħol bdew dejjem jonqsu, sakemm eventwalment sejħulha għal laqgħa u infurmawha li kienet ser titwaqqaf mill-impjieg. Ir-rikorrenti qalet li s-sigħat ta' xogħol bdew jonqsu minn ġimgħa wara li hija infurmathom li ħarġet tqila. Ir-rikorrenti ċaħdet li ġieli ħadmet f'xi ħanut tal-familja tas-sieħeb tagħha.

11. **Reuben Camilleri** spjega li r-rikorrenti hija s-sieħba ta' ibnu, u qal li meta bdiet taħdem mas-soċjetà intimata, kienet turi entużjażmu għax-xogħol għaliex hija tħobb in-natura u l-annimali. Ix-xhud qal li r-rikorrenti dejjem uriet ix-xewqa li żżomm l-impjieg tagħha wara li jkollha t-tarbija tagħha. Ix-xhud qal li t-tkeċċija tar-rikorrenti mill-impjieg affettwat lil ibnu ukoll, għaliex dan sab ruħhu f'sitwazzjoni fejn kellu jkopri waħdu s-self bankarju li kellhom bħala koppja. Ix-xhud qal li minkejja li r-rikorrenti ppruvat issib impjieg alternattiv, ħadd ma ried jimpjegaha waqt li kienet tqila, u għadha ma sabitx impjieg alternattiv.

12. **Adam Camilleri**, is-sieħeb tar-rikorrenti, xehed li fil-bidu li bdiet taħdem mas-soċjetà intimata, hija kienet kuntenta. Qal li l-affarijiet inbidlu meta s-sieħba tiegħu infurmat lill-prinċipal tagħha li kienet ħarġet tqila, u kien f'dan iż-żmien li tnaqqsulha is-sigħat ta' xogħol.

13. Quddiem it-Tribunal ġie ppreżentat dokument maħruġ minn JobsPlus, li juri li r-rikorrenti qegħda tfittex impjieg taħt il-Parti I jew II tar-Reġistru.

## Id-Deċiżjoni Appellata

14. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fid-9 ta' Settembru, 2022, it-Tribunal ċaħad it-talbiet tar-rikorrenti, u ddeċieda li t-tkeċċija tagħha mill-impjieg kienet għal raġunijiet ġusti, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"**6. Kunsiderazzjonijiet***
>
> *Il-kompitu ta' dan it-Tribunal hu li jiddeċiedi jekk it-terminazzjoni mill-impjieg tar-rikorrenti kinitx għal raġuni tajba u biżżejjed skont il-liġi. Dan billi janalizza l-fatti u jixtarr bir-reqqa dovuta l-argumenti kollha mqajma matul dan il-proċess, u dan kif ġew sponuti mix-xhieda u bosta dokumenti mill-partijiet.*

*It-Tribunal jikkonsidra illi ħareġ ċar ħafna mix-xhieda li ngħatat minn diversi persuni, fosthom impjegati preżenti u ex-impjegati li għal xi żmien kienu jaħdmu mar-rikorrenti, li l-istess rikorrenti kienet persuna li ma tantx tista' torbot fuqha biex tagħmel xogħolha, li mhux dejjem iżżomm kelmtha u diversi drabi kienet qed tiġi kkritikata mill-istess kollegi l-aktar bil-mod kif kienet iġġib ruħha mal-klijenti.*

*F'dan ir-rigward ix-xhieda tindika b'ċertu konsistenza li kien hemm diversi drabi fejn ir-rikorrenti kienet anke tevita li tassisti klijenti meta kien id-dover tagħha li tagħmel dan. Per konsegwenza bosta drabi x-xogħol li suppost li kienet tagħmel ir-rikorrenti kien qed jaqa' fuq impjegati oħra. Ir-rikorrenti sistematikament inġibditilha l-attenzjoni dwar dawn in-nuqqasijiet imma ftit jew xejn kien hemm ħeġġa da parti tar-rikorrenti li tirranġa jew ittejjeb il-prestazzjoni tagħha fuq ix-xogħol u li fuq kollox tkun disposta li sservi lill-klijenti.*

*Joħroġ ċar ukoll li l-Kumpannija intimata wriet li dejjem u f'kull ċirkostanza għenet u għamlet kull ma setgħet biex tgħin lil dawk l-impjegati fi żmien it-tqala tagħhom, uriet dejjem dinjità u rispett kif inhu xieraq u kif ħareġ ċar ħafna minn bosta impjegati li meta kellhom bżonn il-leave tal-maternità, il-kumpannija offriet dak kollu possibbli tant li ħafna minn dawn l-impjegati irritornaw lura fl-impjieg tagħhom.*

*Mingħajr l-iċken dubbju, dan it-Tribunal jeskludi għal kollox li din it-terminazzjoni setgħet saret kawża tat-tqala tar-rikorrenti.*

*It-Tribunal jinnota ukoll li r-rikorrenti naqset mid-dover tagħha li tgħarraf formalment lill-prinċipal bit-tqala tagħha u bid-data tat-twelid mistennija permezz ta' ċertifikat maħruġ minn tabib jew qabla reġistrati skont L.S. 452.9.*

*Meta jqis iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ fid-dawl tax-xhieda, dokumenti u provi kollha prodotti, dan it-Tribunal ma għandu l-ebda dubju li t-tkeċċija tar-rikorrenti ma kinitx dovuta għat-tqala tagħha.*

*Għall-kuntrarju, jirriżulta bl-aktar mod ċar li t-terminazzjni tal-impjieg saret minħabba nuqqasijiet serji fil-komportament lavorattiv tar-rikorrenti. Mill-provi miġjuba, huwa ċar għat-Tribunal li r-rikorrenti ftit li xejn uriet ħeġġa fuq xogħolha. Agħar minn hekk, kienet tevita ċertu xogħol mal-klijenti qisu tistenna li ħaddieħor jerfa' l-piż ta' xogħolha. Minkejja l-osservazzjonijiet u t-twissijiet li ngħatat, baqgħet tippersisti f'atteġġjament passiv u* laissez faire, *xi ħaġa li dan it-Tribunal iqis bħala indikazzjoni ċara li ma riditx terfa' l-piż tax-xogħol li kellha. Dawn il-problemi ma bdewx fit-tqala imma kienu jikkaratterizzaw il-perkors kollu lavorattiv tar-rikorrenti mal-kumpannija intimata.*

*Il-kumpannija intimata min-naħa tagħha ma għamlet xejn ħażin fil-konfront tar-rikorrenti għajr li kienet tesiġi li r-rikorrenti tagħmel xogħolha. Ma kien hemm xejn skorrett, anzi mistenni li l-kumpannija intimata ma tippermettix illi r-rikorrenti tevita ċertu xogħol mal-klijenti a skapitu ta' ħaddiema oħra. Fuq kollox il-kumpannija intimata kellha wkoll dover ta'* bonus paterfamilias *lejn l-impjegati l-oħra b'dan li ma tħallihomx iġorru l-piż tax-xogħol tar-rikorrenti. Bħalma huwa obbligu tal-*employer *li jħallas u jħares lill-ħaddiem, huwa obbligu tal-ħaddiem jagħmel ix-xogħol li għalih ġie impjegat mill-*employer *tiegħu.*

***DECIDE:***

*Għaldaqstant, dan it-Tribunal, wara li eżamina s-sottomissjonijiet, ix-xhieda u d-dokumenti kollha, qed jiddeċiedi li t-terminazzjoni tal-impjieg kienet waħda ġusta u għal raġuni tajba u suffiċjenti skont il-Liġi."*

## L-Appell

15. Ir-rikorrenti appellat mid-deċiżjoni tat-Tribunal permezz ta' rikors tal-appell intavolat fl-20 ta' Settembru, 2022, fejn talbet lil din il-Qorti tħassar id-deċiżjoni appellata u konsegwentement tiddikjara li t-tkeċċija tar-rikorrenti mill-impjieg kienet waħda inġusta, tillikwida l-kumpens pagabbli lir-rikorrenti mis-soċjetà appellata għat-tkeċċija inġusta, kif ukoll tordna l-ħlas tas-somma hekk likwidata.

16. L-appellanta spjegat li hija ħassitha aggravata bid-deċiżjoni appellata għaliex it-Tribunal għamel apprezzament ħażin tal-liġi meta kkonkluda li l-impjieg tagħha ġie terminat għal raġunijiet li mhumiex marbuta mat-tqala tagħha. L-appellanta qalet li jekk wieħed jagħmel evalwazzjoni tal-provi kif ippreżentati minnha, għandu jirriżulta li ġie ppruvat li l-appellanta mhux talli kienet ħaddiema bieżla u responsabbli, u l-atteġġjament u l-*commitment* tagħha kien ta' eżempju għall-impjegati l-oħra L-appellanta tgħid li hija kienet tħabbrek, u kienet disposta li tidħol taħdem anki fil-ġranet meta ma kienx

imissha xogħol skont l-iskeda tax-xogħol. L-appellanta qalet li qabel ma nfurmat lid-diriġenti tal-kumpannija bit-tqala tagħha, dawn kienu saħansitra tawha żieda fil-paga. Qalet li oriġinarjament hija kienet impjegata fuq bażi *part-time,* u sussegwentement bdiet taħdem fuq bażi *full-time* għal terminu indefinit. Qalet li kieku d-diriġenti tas-soċjetà intimata ma kinux kuntenti bix-xogħol tagħha, dawn kienu jieħdu ħsieb iwaqqfuha waqt it-terminu tal-*probation* u mhux jaqilbuha fuq kuntratt *full-time* għal perijodu indefinit u jżommuha għal aktar minn sentejn sakemm kellha seba' xhur tqala.

17. L-appellanta qalet li minkejja li kien hemm xhieda li qalu li l-atteġġjament tagħha fuq il-post tax-xogħol ma kienx wieħed ideali, fil-verità hija qatt ma ngħatat twissija bil-miktub u lanqas ma nġabet prova tul il-kors tal-proċeduri quddiem it-Tribunal, ta' xi atteġġjament ħażin min-naħa tagħha. L-appellanta qalet li ġie esebit *performance report* dwar l-atteġġjament tagħha minn persuna li lanqas biss għadha taħdem mas-soċjetà appellata, liema rapport ma ġie komunikat lilha fl-ebda waqt. L-appellanta qalet li fid-deċiżjoni appellata t-Tribunal għamel aċċenn fuq ir-*recordings* ta' żewġ laqgħat li hija kellha fuq il-post tax-xogħol, darba meta hija intużat bħala eżempju, u t-tieni darba fejn kien hemm min ipprova jisfurzaha tiffirma l-ittra ta' riżenja. Qalet li hija tinsab diżappuntata li t-Tribunal qies dan l-eżerċizzju bħala wieħed qarrieqi, partikolarment meta dawn huma l-provi kardinali ta' dak li seħħ. Qalet li għaliha huwa inaċċettabbli li dan l-eżerċizzju tqies bħala wieħed qarrieqi meta t-terminazzjoni saret mis-soċjetà appellata, li min-naħa tagħha ma kinitx taf b'dawn ir-*recordings* qabel ġew ippreżentati quddiem it-Tribunal.

18. L-appellanta qalet li t-Tribunal kien żbaljat ukoll meta għamel aċċenn għall-fatt li qatt ma kien hemm rapport formali mad-DIER, u qalet li mhux talli kien sar rapport, talli l-eżitu tiegħu kien li s-soċjetà appellata kellha tagħmel pagament lill-appellanta sabiex tevita proċeduri fuq ksur tad-drittijiet tal-impjegati. L-appellanta qalet li jfisser ħafna wkoll il-fatt li hija ġiet offruta il-ħlas ta' xahar paga jekk tiffirma l-ittra ta' riżenja, u li kieku dan ma kienx każ ta' tkeċċija inġusta, hija ma kinitx tiġi offruta dan il-ħlas. Qalet li l-ħlas offrut ma kienx ħlas għas-servizz, iżda għodda għall-konvinċiment tagħha sabiex hija ma tikkontestax it-tkeċċija inaspettata tagħha. L-appellanta qalet li mill-provi kellu jirriżulta li hija infurmat lil Rachel Bongailas, li kienet is-superjura tagħha, bit-tqala tagħha anqas minn xahrejn wara li nqabdet tqila, u għalhekk ma tistax tifhem għal liema raġuni t-Tribunal qies li l-appellanta ma tatx l-avviż neċessarju lis-soċjetà appellata, għaliex hija kienet infurmat b'dan lill-persuna li tiġi immedjatament fuqha.

19. L-appellanta qalet li filwaqt li s-sentenza appellata tagħmel riferiment għall-parti tax-xhieda ta' Lisa Xerri fejn din qalet li tatha l-ewwel twissija verbali fit-2 ta' Lulju, 2019, jiġifieri madwar tlieta jew erba' xhur wara li l-appellanta bdiet l-impjieg tagħha mas-soċjetà intimata, dan mhuwiex ikkorraborat mill-provi, għaliex is-soċjetà appellata xorta waħda żammitha fl-impjieg għal sena u tmien xhur wara. L-appellanta qalet li huwa ta' għajb li d-deċiżjoni appellata ma tagħmel l-ebda riferiment għall-episodju tat-18 ta' Frar, 2022, fejn iddaħħlet f'kamra waħedha mid-direttriċi tas-soċjetà appellata, u fil-preżenza tal-avukat tal-kumpannija, intalbet tiffirma l-ittra ta' riżenja li hija qatt ma kitbet, u saħansitra ġiet offruta xahar paga jekk tiffirma l-ittra ta' riżenja. L-appellanta

qalet li dan l-aġir kien wieħed abbużiv, qarrieqi u jmur kontra d-drittijiet tal-impjegat, u meta attendiet għal din il-laqgħa kellha sitt xhur tqala.

20. L-appellanta għamlet riferiment ukoll għall-*payslips* u t-*time sheets* ippreżentati in atti, u qalet li minn dawn id-dokumenti jirriżulta li sakemm hija infurmat lis-soċjetà appellata bit-tqala tagħha, hija kienet dejjem taħdem ammont ta' sigħat aktar milli suppost, però mix-xahar ta' wara hija mhux biss ma ngħatatx aktar l-opportunità li tagħmel is-sahra, talli anki s-sigħat tax-xogħol bdew jitnaqqsu drastikament, u dan mingħajr ebda spjegazzjoni la verbali u lanqas bil-kitba.

21. L-appellanta qalet li min jallega jrid jipprova, u fil-każ odjern ma kien hemm l-ebda prova tal-allegat atteġġjament ħażin min-naħa tagħha, jew ta' xi twissijiet li ngħatat, imqar fil-forma ta' xi messaġġ jew *email.* Qalet li minkejja dan, it-Tribunal iffoka d-deċiżjoni tiegħu fuq dikjarazzjoni verbali tad-direttriċi tal-kumpannija, li fl-ebda ħin ma nġabet prova tagħha. L-appellanta qalet li għalhekk fil-fehma tagħha t-Tribunal żbalja legalment meta ddeċieda li t-tkeċċija tagħha mill-impjieg kienet ġusta, stante li mill-provi ħareġ ċar li hija kienet ħaddiema bieżla u responsabbli fix-xogħol tagħha, u kien l-atteġġjament tas-soċjetà appellata lejha li kien nbidel. L-appellanta sostniet li għalhekk l-impjieg tagħha ntemm esklussivament u speċifikament minħabba t-tqala tagħha, u dan għaliex ma jeżistu l-ebda provi dokumentarji tal-allegati raġunijiet dixxiplinarji, u l-provi ċirkostanzjali kollha jippuntaw lejn il-pożizzjoni li ħadet hija f'dawn il-proċeduri.

**Ir-Risposta tal-Appell**

22. Is-soċjetà appellata fir-risposta tagħha qalet li s-sentenza mogħtija mit-Tribunal hija ġusta u timmerita konferma. B'riferiment għall-aggravju sollevat mill-appellanta, is-soċjetà appellata teċċepixxi li dan l-appell huwa irritu u null *ai termini* tas-subartikolu 82(3) tal-Kap. 452, u qalet li appell minn deċiżjoni tat-Tribunal jista' jsir biss fuq punt ta' liġi, u l-leġislatur ma riedx li l-apprezzament tal-provi li jkun għamel it-Tribunal dwar allegata tkeċċija inġusta, jiġu sindikati minn din il-Qorti. Qalet li minkejja li l-appellanta tgħid li t-Tribunal għamel apprezzament żbaljat tal-liġi, mill-mod kif inhuma postulati l-aggravji, għandu jirriżulta ċar li l-appell huwa intiż biex jiġu mistħarrġa l-provi mill-ġdid, u mhux sabiex jiġi ttrattat punt ta' liġi. Is-soċjetà appellata qalet li kienu n-nuqqasijiet ripetuti tal-appellanta fuq il-post tax-xogħol li wasslu biex hija tkeċċiet mill-impjieg. Qalet ukoll li kuntrarjament għal dak allegat mill-appellanta, kien hemm diversi istanzi fejn hija ngħatat twissijiet fuq il-post tax-xogħol, u fejn inġibditilha l-attenzjoni li l-komportament tagħha ma kienx wieħed tajjeb. Is-soċjetà appellata qalet li anki l-fatt li l-appellanta ppreżentat *recordings* taż-żewġ laqgħat li kellha ma' esponenti tas-soċjetà appellata, juri li din kienet qegħda tipprova tiġbor evidenza kontra tagħhom, sakemm ikkristallizzat il-pożizzjoni tagħha meta istitwiet il-proċeduri kontra s-soċjetà appellata. Is-soċjetà appellata qalet illi jekk l-appellanta verament kellha interess li titkellem mad-diriġenti tas-soċjetà appellata b'mod bonarju, u taġixxi *in bona fede,* din kellha għażliet u fakultajiet oħra li setgħet tirrikorri għalihom, iżda minflok hija għażlet li taġixxi b'malizzja sabiex tuża l-prova kontra l-appellata. Is-soċjetà appellata qalet li r-raġuni tat-tkeċċija tal-appellanta ma setgħetx tkun marbuta mal-artikolu li l-appellanta tiċċita fl-appell tagħha, għaliex din naqset li tagħmel

il-pożizzjoni tagħha ċara u kif mitlub skont l-artikolu 2(1) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 452.91, u għalhekk it-Tribunal kien korrett meta kkonsidra li l-avviż tal-appellanta ma kienx wieħed validu. Is-soċjetà appellanta żiedet tgħid li minkejja dan kollu, it-terminazzjoni fil-każ odjern saret minħabba nuqqasijiet serji fil-komportament tal-appellanta, u quddiem it-Tribunal tressqu diversi xhieda li kkonfermaw li l-appellanta naqset f'xogħolha u ngħatat anki twissijiet dwar dan. Is-soċjetà appellata qalet li mhuwiex minnu li ma nġabet l-ebda prova dwar dan, u x-xhieda mressqa minnha kollha kkorroboraw l-istess prova.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

23. Din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex fl-ewwel lok tikkonsidra l-eċċezzjoni sollevata mis-soċjetà appellata, dwar jekk dan l-appell għandux jitqies li huwa irritu u null, u dan minħabba f'dak li jipprovdi l-artikolu 82(3) tal-Kap. 452:

> "(3) Fil-każi ta' tkeċċija mingħajr raġuni ġusta u f'każi li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tat-Tribunal skont dan l-artikolu 75(1) (a) (b) u (ċ), ikun hemm dritt ta' appell **fuq punt ta' liġi**.[1] Dan l-appell għandu jsir b'rikors lill-Qorti tal-Appell ikkostitwita skont l-artikolu 41(9) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. ...".

24. Il-Qorti tqis li filwaqt li l-appellantafl-uniku aggravju tagħha, tgħid li hija ħassitha aggravata għaliex fil-fehma tagħha t-Tribunal għamel apprezzament żbaljat tal-liġi applikabbli, u dan meta kkonkluda li t-terminazzjoni tal-impjieg tagħha saret għal raġunijiet li m'għandhomx x'jaqsmu mat-tqala tagħha, fl-istess waqt l-appellanta talbet lil din il-Qorti tistħarreġ il-provi mill-ġdid. Hekk per eżempju l-appellanta talbet lil din il-Qorti tikkonsidra l-fatt li hija daħlet

[1] Enfasi miżjuda mill-Qorti.

taħdem mas-soċjetà appellata fuq bażi *part-time,* wara ftit taż-żmien ingħatat impjieg *full-time,* bdew jiżdiedu s-sigħat tas-sahra li kienet taħdem, u li mill-provi ma rriżultax li hija qatt ingħatat xi twissija verbali jew bil-miktub, u li hija kellha provi li juru li s-soċjetà appellata ma mxietx sew magħha meta saritilha offerta ta' ħlas sabiex titlaq mill-impjieg. Din il-Qorti tqis li l-evalwazzjoni li qegħda tintalab tagħmel mill-appellanta, mhijiex dwar punt ta' liġi applikabbli għall-każ, iżda evalwazzjoni mill-ġdid tal-provi prodotti sabiex jiġi stabbilit jekk hux minnu li l-appellanta tkeċċiet mill-impjieg għal raġunijiet ta' attitudni u dixxiplinarji, jew inkella jekk din tkeċċietx għaliex kienet tqila fl-istess żmien li mas-soċjetà appellata kien hemm impjegata oħra li wkoll kienet tqila.

25. Il-Qorti sejra tagħmel riferiment għal diversi sentenzi mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta dwar dan il-punt. Hekk per eżempju, fis-sentenza fl-ismijiet **Emanuel Mifsud *vs.* Kummissarju għall-Kontroll tal-Iżvilupp**[2], ingħad illi:

> *"Din il-Qorti tista' tirrevedi biss kwistjonijiet dwar punti ta' dritt deċiżi mill-Bord. Dan ifisser li m'hemmx appelli fuq kwistjonijiet ta' fatt, fuq kwistjonijiet ta' apprezzament ta' provi ... Biex appell ikun ammissibbli, il-kwistjoni trid tkun neċessarjament dwar kwistjoni ta' dritt, li tkun qamet kontroversja dwarha, li tkun ġiet diskussa u eluċidata fil-motivazzjoni u li tkun ġiet definita fid-deċiżjoni appellata."*

26. Fis-sentenza **Anthony Borg *vs.* Awtorità tal-Ippjanar**[3], il-Qorti kompliet telabora dwar dan il-punt:

> *"F'sistema ġudizzjarju fejn mhux permess rikors għat-tielet Qorti ta' appell, hu għalhekk li hu biss konsentit bil-liġi appell lil din il-Qorti f'każijiet fejn ikun allegat li jkun hemm applikazzjoni ħażina tal-liġi mill-Bord espressa fid-deċiżjoni minnu*

[2] 31.05.1996.
[3] 24.04.1996

*emessa. Dan ifisser illi aktar minn funzjoni ta' reviżjoni fuq il-fatti in kawża, din il-Qorti għandha allura, funzjoni ta' sentinella biex tassigura li jiġu osservati r-regoli tal-ġustizzja naturali u l-osservanza tad-dispożizzjonijiet tal-liġi u tal-prinċipji fiha enunċjati."*

27. F'sentenza oħra mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta f'kawża li tinvolvi wkoll l-Awtorità tal-Ippjanar, fl-ismijiet **Francis Mugliett *vs.* L-Awtorità tal-Ippjanar**[4], il-Qorti spjegat illi:

*"Skont il-liġi din il-Qorti għandha ġurisdizzjoni li tissindika l-operat tal-Bord biss u unikament in kwantu jkun fiha punti ta' dritt li ġew konsidrati u deċiżi fl-istess deċiżjoni. Il-liġi ma tagħtix appell fuq kwistjonijiet ta' fatt deċiżi mill-Bord u lanqas ma hemm appell fuq punti ta' liġi sakemm il-kwistjoni ta' dritt ma tkunx ġiet dibattuta, trattata u definita fis-sentenza appellata. Fi kliem ieħor, il-kwistjoni ta' dritt li fuqha persuna aggravata tista' tappella, trid tkun qamet bħala kontroversja quddiem il-Bord u l-Bord irid ikun ikkonsidraha u ppronunzja ruħhu fuqha fis-sentenza tiegħu."*

28. Fis-sentenza fl-ismijiet **Żaren Camilleri *vs.* Awtorità tal-Ippjanar**, il-Qorti qalet illi:

*"Fi kliem ieħor biex ikun hemm lok għall-appell quddiem din il-Qorti ma jridx ikun hemm fid-deċiżjoni appellata sempliċi applikazzjoni ta' liġi għall-fatti tal-kawża jew sempliċi enunċjazzjoni ta' xi liġi, iżda invece jrid ikun hemm kwistjoni ta' dritt li ħolqot vertenza jew diskussjoni u li l-Bord ikun applika l-attenzjoni tiegħu fuqha billi ttrattaha debitament u ddefiniha fid-deċiżjoni li jkun ta."*

29. Dan ifisser li sabiex din il-Qorti jkollha kompetenza tikkonsidra l-aggravju mressaq mill-appellanta, mhux biss l-aggravju jrid ikun dwar kwistjoni ta' dritt, iżda l-punt ta' liġi sollevat irid ikun wieħed li ġie diskuss mit-Tribunal. Bl-aggravju tagħha l-appellanta qegħda tgħid li l-provi fattwali li jirriżultaw mill-kawża wasslu lill-Bord biex jagħmel apprezzament ħażin tal-liġi, għaliex il-provi

[4] 31.05.1996.

prodotti, partikolarment minnha, ma kellhomx iwasslu lit-Tribunal għall-konklużjoni li hija tkeċċiet mill-impjieg għal raġunijiet ġusti, imma li r-raġuni ewlenija għalfejn hija tkeċċiet mill-impjieg kienet it-tqala tagħha. Imma din il-Qorti mhijiex konvinta li bil-mod kif inhu fformulat l-aggravju, l-appellanta kellha dritt tappella, u dan għaliex l-appellanta ma semmiet l-ebda punt ta' dritt li fil-fehma tagħha ngħata interpretazzjoni żbaljata mit-Tribunal. Li qegħda titlob l-appellanta huwa li din il-Qorti tevalwa l-provi prodotti mill-ġdid sabiex tara jekk tasalx għall-istess konklużjoni li wasal għaliha t-Tribunal. Imma l-aggravju kif inhu fformulat mill-appellanta, bl-ebda mod ma jwassal lil din il-Qorti tikkonkludi li l-konsiderazzjonijiet li għandha tagħmel huma dwar xi punt ta' liġi partikolari li ġie diskuss mit-Tribunal. Għaldaqstant il-Qorti qegħda tilqa' l-eċċezzjoni mressqa mis-soċjetà appellata, u qegħda tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' dan l-appell.

## Decide

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell tal-appellanta billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**In vista taċ-ċirkostanzi tal-każ, l-ispejjeż għandhom jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**